



Brussell, 18 ta' Marzu 2020
(OR. en)

6593/1/20
REV 1 ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0169(COD)

CODEC 158
ENV 155
SAN 76
CONSOM 46
AGRI 79

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill = Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni mill-Greċja

1. Il-Greċja tappoġġa l-"Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma". L-istabbiliment ta' qafas regolatorju integrat, stabbli u aċċettat b'mod komuni fil-livell tal-UE ser jikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex tiġi indirizzata n-nixfa u l-iskarsezza tal-ilma li x'aktarx ikunu aktar severi fil-futur, minħabba t-tibdil fil-klima.
2. Madankollu, il-Greċja ssostni li d-dilwizzjoni tal-ilma reklamat, waħedha ma għandhiex titqies bħala għażla ta' trattament tal-ilma, jiġifieri l-operaturi tan-negozju tal-ikel jew il-bdiewa jenħtieġ li ma jitħallewx iwettqu d-dilwizzjoni tal-ilma reklamat ta' kwalunkwe klassi ta' kwalità u sussegwentement jużawh bħala klassi ta' kwalità ogħla (aktar nadifa).

3. Il-Greċja hija fost l-Istati Membri li diġà għandhom fis-seħħ tali qafas regolatorju li jinkludi dispożizzjonijiet saħnsitra aktar stretti. Huwa ovvj u li l-protezzjoni tas-saħħa hija fundamentali għalina u għalhekk nirriżervaw id-dritt tagħna li nadottaw dispożizzjonijiet addizzjonali u li nimplimentaw miżuri ulterjuri fil-livell nazzjonali, f'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni.

Dikjarazzjoni mir-Repubblika Slovakkja

Ir-Repubblika Slovakkja hija konxja mill-fatt li xi Stati Membri jkollhom jiffaċċjaw il-problema tal-iskarsezza tal-ilma u tan-nixfa bħala riżultat tat-tibdil fil-klima. Madankollu, skont ir-rapporti tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima, it-tibdil fil-klima jaffettwa l-firxa u l-multiplikazzjoni ta' diversi mard, sustanzi perikolużi u patoġeni trażmessi mill-ilma, u l-ikel, eż. is-Salmonella, li jaffettwaw is-saħħa tal-popolazzjoni. Għalhekk, l-użu ta' ilma użat mill-ġdid għat-tisqija agrikola ma għandux jipperikola s-saħħa tal-konsumatur aħħari bħala riżultat ta' kriterji tal-kwalità insuffiċjenti tal-ilma fuq ilma li jintuża mill-ġdid u għandu jkollu l-iżvilupp futur.

Matul in-negozjati dwar dan l-ilma użat mill-ġdid, aħna konsistentement appellajna għal proposta ambizzjuża fir-rigward tal-oġġettiv li jiġi żgurat il-funzjonament effiċjenti u ugwali tas-suq intern (moviment ta' oġġetti) billi jiġu imposti rekwiżiti uniformi għall-ilma użat mill-ġdid għall-Istati Membri kollha u fir-rigward tal-oġġettiv tal-ħarsien tal-ambjent, is-saħħa tal-bniedem u dik tal-annimali. Jiddispijain li dan ma ġiex rifless fit-test finali.

Aħna ddiżappuntati wkoll li l-proposta dwar it-tikkettar obligatorju ma ġietx inkorporata, fatt li aħna nqisu li jkollu lill-konsumatur aħħari u li jkollu id-dritt tiegħu għall-informazzjoni. Dan imur kontra l-prinċipju ta' informazzjoni trasparenti għall-konsumatur aħħari u b'mod partikolari kontra diversi gruppi vulnerabbli, pereżempju persuni anzjani, tfal, persuni b'sistema ta' immunità dgħajfa.

Bl-istess mod, il-proposti tagħna għat-tisħiħ tal-parametri ta' kwalità tar-Regolament fir-rigward tal-inklużjoni ta' diversi parametri ta' kwalità bħas-Salmonella ma ġewx aċċettati. Enfasizzajna l-livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa, il-kwalità tal-ikel u kriterji stabbiliti b'mod strett fl-Anness. Fil-formulazzjoni attwali, ma nqisux li l-protezzjoni tas-saħħa tal-konsumatur aħħari qed tiġi indirizzata b'mod suffiċjenti.

Fl-istess ħin, għandna riżervi dwar il-formulazzjoni tal-Artikolu 2.2, li ma jippermettix li Stat Membru japplika għal deroga b'mod newtrali abbażi ta' wieħed jew aktar mill-kriterji stabbiliti fir-Regolament. Il-formulazzjoni attwali tagħti wisq diskrezzjoni lill-Kummissjoni Ewropea biex tiddeċiedi dwar deroga abbażi tal-kriterji kollha msemminjati fir-Regolament.

Minħabba t-tħassib tagħna dwar is-saħħa u l-ikel, m'aħniex f'pożizzjoni li naqblu ma' dan ir-regolament u għalhekk nastjenu milli nivvutaw.
